MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Talba Numru. 1572/2003

**Joseph Mifsud**

**Vs**

**Perit Joseph Grech**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab il-hlas ta' tlett mija u tlieta u tmenin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm383.35c) rapprezentanti kera tal-fond imsemmi fl-istess Avviz tat-talba ghall-ahhar disa' snin.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.

Il-konvenut qal ukoll li mhux debitur ta’ l-attur ghall-ammont mitlub jew xi ammont iehor li jirrapprezenta kera.

Jghid ukoll li qatt ma gie nterpellat b’xi Ittra Ufficjali sabiex ihallas l-ammont pretiz u ghalhekk l-ammont mitlub mhux dovut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-attur ghalkemm inghata diversi opportunitajiet naqas li jipprezenta l-Affidavit tieghu bhalma qal li ser jaghmel.

Illi skond il-provi prodotti ma jirrizultax li l-konvenut ghandu jhallas kera lill-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal jichad it-talba ta’ l-attur, bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------